



Polonja

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE - Polonja

Liema awtorità se tgħinni nibgħat talba lill pajjiż ieħor tal-UE?

Din l-informazzjoni mhijiex disponibbli bħalissa.

X'inhu r-rwol tal-awtorità ta' assistenza?

L-awtorità ta' assistenza tagħtik l-informazzjoni meħtieġa dwar kif tikseb kumpens, tagħmel disponibbli l-formola mudell xierqa għat-talba u tgħinek timliha, u mbagħad tibgħatha mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti li tiddeċiedi fi Stat Membru ieħor tal-UE.

L-awtorità ta' assistenza tikkoopera mal-awtoritajiet li jiddeċiedu fi Stati Membri oħrajn tal-UE, li jeżaminaw it-talbiet għal kumpens minn nies li r-residenza permanenti tagħhom tinsab fil-Polonja. Bħala parti mill-kooperazzjoni, l-awtorità ta' assistenza tipprovdi, f'konsultazzjoni man-nies li jfittxu kumpens, informazzjoni u dokumenti addizzjonali, tisma' lill-persuni indikati mill-awtoritajiet ta' assistenza u tgħin fl-organizzazzjoni tas-smiġħ tal-persuni indikati, bl-użu ta' tagħmir tekniku li jagħmel is-smiġħ mill-bogħod possibbli.

Din l-awtorità tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn, jekk it-talba li toħroġ tkun teħtieġ dan? Jekk iva, min iħallas għal dan?

Jekk ikun meħtieġ li d-dokumenti li jintbagħtu lill-awtoritajiet li jiddeċiedu fi Stati Membri oħrajn tal-UE jiġu tradotti, l-awtorità ta' assistenza tiddeċiedi jekk dawn għandhomx jiġu tradotti għall-ispejjeż tat-Teżor tal-Istat.

Hemm spejjeż amministrattivi jew spejjeż oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tintbagħat barra mill-pajjiż?

Ma hemm ebda spiża sabiex tibgħat it-talba għal kumpens barra mill-pajjiż.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 28/01/2019